San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 3 tat-tieni Kumitat Amministrattiv Burmarrad saret nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru fil-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi**

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

| | |
|---|---|
| Simone Aquilina | Cermen |
| Georgie Zahra | Membru |
| Lara Piscopo | Membru |
| Galea Rodney | Membru |

| | |
|---|---|
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**

| | |
|---|---|
| Michael Borg Olivier | Vici Cermen |

**Bidu tal-laqgha.**
Ic-Cermen tal-KAB - Simone Aquilina bdiet billi rringrazzjat lil dawk kollha prezenti ghal-laqgha.

**Approvazzjoni tal-Minuti.**
Ic-Cermen tal-KAB resqet il-minuti ghall-approvazzjoni peress li dawn kienu intbghatu minn qabel. Dawn gew approvati unanimament minn dawk kollha prezenti.

**Punti li johorgu mill-minuti.**
Tindif tal-kanal tal-ilma quddiem il-Palazz l-ahmar. Dan il-kanal tal-ilma gie mnndaddaf.

**Triq tal-Wardija.**
Gie maqbul li tinkiteb reminder fuq is-sitwazzjoni ta' Triq il-Wardija li kien ilha zmien ma' tinghata l-attenzjoni xierqa u tissewwa u ghaldaqstant issa hemm bzonn li tinqala' u tinghata wicc gdid.

**Belvedere**
Gie deciz li ghandu jibda x-xoghol fuq il-Belvedere fi Triq li taghti ghall-Busewdien. Dan billi jinbena mill-gdid il-hajt tas-sejjieh, jinqata l-haxix u jehlu zewg bankijiet.

***Picnic Area***
Ic-Cermen tal-KAB Simone Aquilina spjegat li minkejja li ghandna l-permess biex jehlu zewg picnic benches fil-Wardija, l-ammont mitlub fil-kwotazzjoni tal-perit kien sostanzjali ghalhekk ghandhom jingabru kwotazzjonijiet ohra halli tigi mistharrga l-possibilta li jsiru dawn il-picnic benches.

**Dawl fuq ir-roundabout quddiem stabbiliment.**
Gie deciz li jitwahhal id-dawl kif kien ippjanat quddiem is-supermarket ta' Burmarrad halli jdawwal is-sigar li hemm fuq l-istess roundabout. Billi l-ewwel kienet qed tigi mistharrga l-possibilta li jintalab sponsor ghall dan il-ghan – wara gie deciz li jkun aktar ghaqli jekk jithallsu u minn huwa interessat li jwahhal riklami jhallas il-kontribut annwali kull sena milli darba biss. Ghaldaqstant is-segretarju gie mitlub li jistaqsi ghall kwotazzjoni minghand il-kuntrattur biex ikun jista' jsir ix-xoghol.

**Ittra lill Households tal-Wardija.**
Giet diskussa l-possibilta li tinkiteb ittra lir-residenti kollha tal-Wardija halli dawk li huma interessati jindikaw l-isem u l-istabbiliment, kif ukoll ir-residenza tagghom jkunu jistghu jaghmlu tabela professjonali li tindika din l-istess residenza. Ghaldaqstant ghandu jsir kuntatt mas-Sur Frank Soler halli jkollna stima ta' dawn is-sinjali tat-toroq.

**Ittra lis-Sid ta' wahda mis-swali tat-tigijiet.**
Billi fil-laqgha precedent kienet attendiet is-sid ta' wahda mis-swali li hemm fil-Wardija u sid iehor ta' stabbiliment iehor – Castello Dei Baroni, ma' attendietx minhabba ragunijiet personali, gie deciz li tinkiteb ittra biex ix-xatba tal-entratura ma' tinghalaqx kmieni f'okkazjonijiet bhal dawn, minhabba problem tat-traffiku. Ghaldaqstant hija ghandha tintalab biex tikkollabora mall-Kumitat Amministrattiv fuq dan ir-rigward.

***Clean Up Day***

Ic-Cermen Simon Aquilina qalet li hemm il-hsieb li ssir Clean Up Day fil futur qarib u tixtieq li jigu ordnati zewg skips kbar tal-hadid halli jitpoggew fejn il-Bring-In-Site. Il-Gurnata tal-istesss attivita tigi stabbilita aktar il-quddiem.

**Sigra tal-Milied.**

Giet diskussa l-possibilta li tintalab sigra tal-Milied bhala sponsor ghall zmien il-Milied. Din is-sigra ghandha tkun twila mas-sitt metri.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha ntemmet fis-6.25pm u giet aggornata ghall nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2014 fil-5.30pm.

Simone Aquilina
Chairman Kumitat Ammministrattiv.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.